SANTA LUĊIJA

.

**MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 5011**

Ilum is-Sibt, 5 ta' Frar 2011

Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fit-8.30a.m.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan u l-Kunsilliera: Joseph Bonello u Paulette Gafa`.

**ASSENTI**

Il-Kunsilliera Caroline Galea nfurmat lis-Segretarju Eżekuttiv, permezz ta' *e-mail*, li ma setgħatx tattendi għal din il-laqgħa għax kienet indisposta.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 4911 li saret nhar it-Tnejn, 10 ta' Jannar 2011 ġew moqrija u approvati.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn it-Tnejn, 10 ta' Jannar 2011 u l-Ġimgħa, 4 ta' Frar 2010 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lill-Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 071/11/O – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Resurfacing* ta' toroq b'sistema ta' *Public Private Partnership*
- 096/11/O – Resident – Ambjent
- 109/11/O – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Kiri ta' *premises* għal-librerija pubblika

#### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 045/11/I - Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Resurfacing* ta' Toroq 2011
- 046/11/I – Transport Malta – *Reserved Parking*
- 061/11/I – Debono & Smith La Rosa – Kuntratt għall-kiri ta' post għal-librerija pubblika
- 090/11/I – Mepa – *Licence for uprooting of trees* – Pjazza 7 ta' Lulju
- 092/11/I – Mepa – *Licence for uprooting of trees* – Triq il-Lellux
- 127/11/I – Awtorita' tad-Djar – Skema – Programm ta' manutenzjoni fil-komun tal-binjiet tal-Gvern
- 135/11//I – Awtorita' tad-Djar – Riġenerazzjoni f'oqsma tal-binjiet tal-Gvern

### 2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lill-Kunsill:*

- SLLC *Memo* 01/2011 – *Major patching* fi Triq Katerina Vitale.
- Kopja ta' l-applikazzjoni ta' l-iskema ta' riġenerazzjoni f'oqsma tal-binjiet tal-Gvern.

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 045/11/I il-Kunsill qabel li għal din is-sena jsir xogħol ta' *resurfacing / major patching* f'parti minn Triq Katerina Vitale u parti minnTriq il-Fortizza kif ukoll Triq iż-Żafran.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 046/11/0I il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal talba li saret lil Transport Malta biex isir *reserved parking* fi Triq Maria De Domenicis.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 061/11/I il-Kunsill iddiskuta *draft contract* għal kiri ta' post biex titwaqqaf librerija pubblika f'Santa Luċija. Is-Sindku qal li ġie ċċarat ma' sid il-post li l-kera għall-ewwel tlett snin tibqa' dik ta' €10 kuljum.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 090/11/I u 092/11/I is-Sindku qal li ħareġ il-permess tal-Mepa biex jitneħħew żewġ siġar ta' l-ispeċi Olea Europaea li hemm fi Pjazza 7 ta' Lulju u jiġu miżrugħa fil-Jogging Track. Huwa rrefera għas-siġar taż-Żebbuġ li hemm mal-ġenb tal-Każin tal-Labour u qal li dawn is-siġar huma morda u jridu jitneħħew. Huwa qal li ħareġ il-permess ukoll biex tiżabar siġra ta' l-ispeċi Cupressus Sempervirens fi Triq il-Lellux.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 127/11/I is-Sindku rrefera għall-iskema ta' manutenzjoni fil-komun tal-binjiet tal-Gvern u nforma l-Kunsill li numru ta' binjiet fil-lokalita' ta' Santa Luċija ġew magħżula biex issir il-manutenzjoni fihom. Huwa qal li l-Kunsill ser jingħata €5000 għal kull binja. Huwa qal ukoll li fil-ġranet li ġejjin ser ikollu laqgħa mal-Kap Eżekuttiv ta' l-Awtorita' tad-Djar u kien ser iżomm il-Kunsill aġġornat dwar kull żvilupp li jista' jkun hemm f'dan ir-rigward.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 135/11/I is-Sindku rrefera għall-iskema ta' riġenerazzjoni f'oqsma tal-binjiet tal-Gvern u qal li kien hemm wieħed u tletin Kunsill, fosthom dak ta' Santa Luċija, li bagħtu l-proposti tagħhom. Is-Sindku ppreżenta quddiem il-Kunsill kopja ta' l-applikazzjoni li ġiet sottomessa lil Awtorita' tad-Djar għal fondi taħt din l-iskema.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Bracket tad-dawl fi Triq Maria de Domenicis kantuniera ma' Triq iż-Żnuber*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-*bracket* tad-dawl li kien hemm ma' dar numru 3 fi Triq Maria De Domenicis kienet tresqet u twaħħlet mad-dar fi Triq iż-Żnuber li tmiss eżatt mad-dar numru 3.

### 4.2 *Xiri ta' Computer*

Il-Kunsill approva x-xiri ta' *computer* ġdid fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. Tresqu tlett kwotazzjonijiet u s-Segretarja Eżekuttiva għandha tidħol aktar fid-dettal dwar l-i*specifications* ta' dawn il-kwotazzjonijiet.

### 4.3 *Playing Fields*

Is-Sindku qal li kien attenda għal-laqgħa ta' informazzjoni dwar l-i*standards* ġodda għal *playing fields*.

### 4.4 *Kontenitur għall-iskart*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar kontenitur li hawn fis-suq bl-isem ta' '*BigBelly Solar Compactor*'. Huwa qal li dan il-kontenitur ta' daqs żgħir jikkompattja l-iskart u jesa' sa 600 litru. Il-prezz ta' dan il-kontenitur huwa ta' €3866.22.

### 4.5 *Bollards fi Triq Tursin il-Bir*

Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tas-Sindku biex fi Triq Tursin il-Bir jeħlu ħames *bollards* minflok waħda kif kien ser isir. Il-Kunsill approva kwotazzjoni għax-xiri ta' dawn il-*bollards* għal prezz ta' €60 'il waħda.

### 4.6 *Xiri ta' Skultura*

Il-Kunsill approva x-xiri ta skultura ntiża għal lokalita' ta' Santa Luċija ta' l-artist Anthony Patrick Vella. L-ispiża nvoluta hija ta' €472.

**4.7 *Ilma tax-xita fi Triq il-Prinjoli***

Il-Viċi Sindku qal li fi Triq il-Prinjoli hemm parti tat-triq li qed iżżomm l-ilma tax-xita, sew fuq il-bankina u sew taħt il-bankina. Huwa qal li kien ħa xi ritratti. Saru xi proposti dwar x' jista' jsir. Is-Sindku qal li ser jara kif l-aħjar li tista' tiġi ndirizzata din il-problema.

**4.8 *Żbir ta' siġar***

Saret referenza għal siġra li għandha bżonn tiġi miżbura peress li qed tgħatti *stop sign* fi Triq iż-Żnuber kantuniera ma' Triq Maria De Domenicis. Issemmiet ukoll il-problema ta' siġar u xtieli fil-parapetti madwar il-lokalita' li jesporġu fuq il-bankina u jostakolaw il-passaġġ fuq il-bankina. Ġie deċiż li jsir avviż lir-residenti dwar din il-problema biex min ikun jista' jiżbor is-siġar fil-parapett tad-dar jew appartament tiegħu. L-avviż għandu jinforma li l-Kunsill jista' jagħmel dan is-servizz jekk issirlu t-talba mir-resident li għal xi raġuni ma jkunx jista' jwettaq dan ix-xogħol hu.

**4.9 *Jum Santa Luċija***

Il-Kunsill iddiskuta xi proposti t'attivitajiet li jistgħu jsiru bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet fl-okkażjoni ta' Jum Santa Luċija li din is-sena jaħbat ukoll il-ħamsin anniversarju mit-twaqqif tal-lokalita' ta' Santa Luċija. Is-Sindku qal li ser tittella' serata fi Pjazza 7 ta' Lulju u tiġi mistiedna l-banda ta' Ħal Tarxien li tagħmel marċ u kunċert fil-Pjazza. Is-Sindku ppropona wkoll li tiġi nawgurata plakka kommemorattiva fil-*Jogging Track* miż-żewġ Sindki, ta' Santa Luċija u Ħal Tarxien, peress li fil-passat dawk kienu raħal wieħed. Il-Kunsilliera Paulette Gafa` ipproponiet li jsir ftit logħob tan-nar għall-okkażjoni.

**4.10 *Festa Ġemellaġġi***

Is-Sindku qal li għal konferenza bl-isem 'Festa Ġemellaġġi' ser jattendu erba' rappreżentanti mill-Muniċipalita' ta' Gabiano, fosthom is-Sindku Dr Mario Tribocco.

**4.11 *Servizz ta' Webmaster***

Is-Sindku rrefera għall-bżonn ta' servizz ta' *webmaster* li kien ġie diskuss fil-laqgħa numru 4710. Huwa qal li kien kellem resident li kien offra li jagħmel dan is-servizz b'mod volontarju, iżda fil-mument dan jinsab impenjat b'affarijiet oħra. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jikri servizz ta' resident żgħażugħ li kien talab ħlas ta' €35.40 fix-xahar biex iżomm il-*website* tal-Kunsill aġġornata.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV3410 sa numru BOV3432 kif illistjati fl-iskedi tal-pagamenti għax-xahar ta' Jannar (CM50(01)).

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 4911.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Jannar 2011 Ammont *Gross* €4873.26

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **€** |
|---|---|---|---|
| Nexos Street Lighting Ltd. | *Str.Lighting* | 2010034 | 810.29 |
| Cleansing Services Dept. | PC57 | MLC/11/10041 | 507.73 |
| ELC Ltd. | PKG57 | Serv-Jan11 | 2061.50 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | PABX Diċ.11 | 93.15 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Sgns/Mkgs* | 14039 | 17.29 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Sgns/Mkgs* | 8686A | 95.00 |

## 6. LAQGĦA TAL-LOKALITA' 2011

### 6.1 *Ilmenti/Suġġerimenti mill-pubbliku*

Il-Kunsill iddiskuta l-andament tal-Laqgħa tal-Lokalita' li saret nhar is-Sibt, 29 ta' Jannar 2011. Is-Sindku rrefera għal minuta 4.2 u qal li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv marru jkellmu lir-resident f'Dawret it-Torri biex jiżbor is-siġra li kienet qed tostakola l-bankina. Huwa qal li filfatt dan ir-resident diġa ħa ħsieb jiżbor din is-siġra. Is-Sindku qal ukoll li ressaq ukoll wieħed mill-*pots* li kien hemm fuq din l-istess bankina biex issa ġiet aktar aċċessibli.

### 6.2 *Stumps fil-Bicycle Track*

Is-Sindku rrefera għal minuta 5.4 u qal li kien ivverifika kien ġraw l-affarijiet dwar l-i*stumps* tas-siġar fil-*Bicycle Track*. Huwa qal li uffiċċjalment m' hemm l-ebda rapport lil pulizija. Madanakollu, huwa qal li xi ħadd mar jgħid lil pulizija b'dan il-periklu u dan min-naħa tiegħu ċempel lil Kunsill. Huwa qal li kien inkariga lil Uffiċċjal Eżekuttiv biex iċċempel lil tal-Parks u tgħidilhom li jekk ma jiġux ineħħu dawn l-i*stumps* il-Kunsill kien ser jipproċedi bil-pulizija.

### 6.3 *Festival taż-Żebbuġ*

Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma' proposta li saret minn resident biex issir xi attivita' relatata mal-ġbir taż-żebbuġ mis-siġar ta' dan l-ispeċi li hawn f'Santa Luċija. Is-Sindku qal li kien ser ikellem lil Parks Department dwar din il-proposta.

### 6.4 *Approvazzjoni tal-Minuti*

Il-Kunsill approva l-minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita' ta' nhar is-Sibt, 29 ta' Jannar 2011.

## 7. PROPOSTA SISTEMA TAT-TRAFFIKU

### 7.1 *Introduzzjoni ta' sistema ta' one-ways*

Is-Sindku rrefera għal proposta ta' *one ways* li l-Kunsill kien issottometta għall-approvazzjoni ta' Transport Malta. Huwa qal li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu laqgħa ma' rappreżentanti ta' Transport Malta dwar din il-proposta. Huwa kompla jgħid li saret rakkomandazzjoni biex din is-sistema tiġi ntrodotta fi tlett fażijiet. Huwa qal ukoll li Transport Malta ma qablitx li toroq wiesgħin fiċ-ċentru tal-lokalita' bħal Triq Ineż Soler, Triq il-Lellux, Triq iż-Żnuber u Triq Helen Buhagiar isiru *one way*.

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul din il-proposta u qabel li jipproponi li tiġi mplimentata s-sistema ta' *one way* kif proposta, biss it-toroq wiesgħin bħal dawk imsemmija

aktar il-fuq għandhom jibqgħu *two way*. Dwar il-problema ta' periklu fi Triq Ineż Soler kantuniera ma' Triq Maria De Domenicis, il-Kunsill qabel li Triq San Piju X issir *one way* jiġifieri tinżel biss, biex b'hekk jiġi eliminat il-periklu li hemm għal dawk il-vetturi li jitilgħu minn Triq San Piju X u jduru għal Triq Ineż Soler.

### 7.2 *Triq l-Istefanotis*

Is-Sindku tkellem dwar Triq l-Istefanotis fejn kien hemm il-*bollards* tal-konkos. Huwa qal li r-residenti talbuh biex din it-triq tibqa' magħluqa u jsir *parking* b'mod organizzat. Huwa ppropona wkoll li ssir *traffic island* li kienet proposta mill-Awtorita' Dwar it-Trasport fi Triq l-Istefanotis kantuniera ma' Triq Katerina Vitale. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta li għandha tintbagħt għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

## 8. STEDINA GĦAL *PARTNERSHIP* TAĦT IL-PROGRAMM 'INTERREG IVC' MILL-BULGARIJA

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar stedina li għamillu Sindku mill-Muniċipalita' ta' Gotse Delchev fil-Bulgarija. Huwa qal li l-Kunsill ta' Santa Luċija qed jiġi mistieden biex jipparteċipa bħala *partner* fuq proposta ta' proġett taħt il-programm 'INTERREG IVC'. Huwa spjega li dan il-proġett huwa ffinanzjat mija fil-mija mill-Unjoni Ewropea u attivitajiet li jinkludu kunċerti, *choirs* u talenti oħra huma eleġibbli taħt din l-iskema. Is-Sindku qal li f'Santa Luċija hawn ħafna żgħażagħ li għandhom talent u din tista' tkun opportunita' biex dawn jiltaqgħu ma' żgħażagħ bħalhom li ġejjin minn pajjiżi oħra. Il-Kunsill qabel li jaċċetta din l-istedina.

## 9. XOGĦOLIJIET

### 9.1 *Triq il-Klematis*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar laqgħa li kellu mal-perit fir-rigward tal-problema ta' l-ilma tax-xita li hemm fi Triq il-Klematis. Huwa qal li skond il-perit il-problemi huma tlieta: irid jinbena *retaining wall* ta' madwar ħamsin metru biex it-triq ma tibqgħax tinqasam u niżla lejn in-naħa tal-Wied, ir-*resurfacing* irid jibda minn kantuniera ma' Triq il-Ġibjun sa kantuniera ma' Triq Katerina Vitale u t-tielet problema hija li jrid jiġi deċiż fejn ser jiġi devjat l-ilma tax-xita. Is-Sindku qal li l-perit tal-Kunsill ġie nkarigat ilesti rapport biex jintbagħt lil Awtorita' Dwar it-Trasport ħalli tiġi nfurmata b'din il-problema u tindirizzha peress li minn din it-triq jgħaddu l-*coaches* ta' l-iskola tal-Junior Lyceum.

**9.2** ***Kiosk fil-Picnic Area/Tea Room***

Is-Sindku rrefera għall-proġett tal-*kiosk* fil-*Picnic Area* u qal li kien qed jipproponi li tiġi riveduta l-pjanta biex dan il-*kiosk* ikun jista' jakkomoda sa mitt persuna. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Il-perit għandu jemenda din il-pjanta u jissottometti l-applikazzjoni tal-Mepa għal dan il-proġett.

**9.3** ***Applikazzjonijiet tal-Mepa Pendenti***

Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni tal-Mepa għal proġett tat-*Tea Room* u qal li din ser titla' quddiem il-Bord tal-Mepa għad-deċiżjoni. Fir-rigward ta' l-applikazzjoni għaċ-Ċentru tal-Komunita', is-Sindku qal li din ser isirulha xi emendi żgħar u tiġi sottomessa għall-approvazzjoni tal-Mepa.

**9.4** ***Proġett ta' Bini ta' Garaxxijiet***

Is-Sindku ppreżenta quddiem il-Kunsill pjanti ta' proġett ta' bini ta' garaxxijiet f'Dawret it-Torri. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dan il-proġett u qabel li jissottometti l-applikazzjoni ta' dan il-proġett għall-approvazzjoni tal-Mepa.

**9.5** ***Xogħol ta' major patching fi Triq Katerina Vitale / Triq il-Fortizza***

Is-Sindku rrefera għal *memo* u għax-xogħol ta' *major patching* li sar fit-toroq hawn fuq imsemmija. Huwa qal li fil-ġranet li ġejjin ser isir *testing* minn kumpanija privata dwar ix-xogħol li twettaq u dwar il-materjal li ntuża.

## 10. AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fl-10.30a.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar il-Ħamis, 17 ta' Frar 2011 fil-5.30p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati illum il-Ħamis, 17 ta' Frar 2011**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**